*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,612, 27 ta' Marzu, 2026*
*Taqsima A*

# MALTA

## ATT Nru IX tal-2026

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.**

## ACT No. IX of 2026

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Constitution of Malta.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

27 ta' Marzu, 2026

## ATT Nru IX tal-2026

*ATT sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2026 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa l-"Kostituzzjoni". Titolu fil-qosor.

**2.** L-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni.

(a) fil-proviso għas-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "Iżda meta persuna" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda wkoll meta persuna" u minnufih qabel dan l-imsemmi proviso, kif emendat, għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, jekk fiż-żmien meta jiskadi t-terminu tal-ħatra tal-Awditur Ġenerali ma tkunx ġiet preżentata riżoluzzjoni quddiem il-Kamra tad-Deputati għall-ħatra ta' Awditur Ġenerali jew għall-ħatra mill-ġdid tal-Awditur Ġenerali, jew għad li tkun ġiet preżentata riżoluzzjoni kif imsemmi quddiem il-Kamra tad-Deputati, ma tkunx għaddiet bis-

saħħa tal-voti favur tagħha ta' mhux inqas minn żewġ terzi (2/3) tal-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati, il-persuna li minnufih qabel ma jkun skada l-imsemmi terminu tkun tokkupa l-kariga ta' Awditur Ġenerali għandha, fi kwalunkwe ċirkostanzi, tibqa' fil-kariga sakemm tgħaddi r-riżoluzzjoni bis-saħħa tal-voti favur tagħha ta' mhux inqas minn żewġ terzi (2/3) tal-membri kollha tal-Kamra:";

(b) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (9) tiegħu l-kliem "u sakemm jiġi maħtur Awditur Ġenerali ġdid," għandhom jiġu mħassra.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 450 tal-25 ta' Marzu, 2026.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
**President**

27th March, 2026

## ACT No. IX of 2026

*An Act to amend the Constitution of Malta.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2026 and this Act shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as the "Constitution". Short title.

**2.** Article 108 of the Constitution shall be amended as follows: Amendment of article 108 of the Constitution.

(a) in the proviso to sub-article (2) thereof the words "Provided that when a person" shall be substituted by the words "Provided further that when a person" and immediately before the mentioned proviso, as amended, there shall be added the following new proviso:

"Provided that notwithstanding the provisions of any other law, if at the time of expiry of the term of appointment of the Auditor General a resolution has not been presented before the House of Representatives for the appointment of an Auditor General or for the re-appointment of the Auditor General, or if a resolution as

aforesaid has been presented before the House of Representatives, such resolution has not been approved by the votes in favour of not less than two-thirds (2/3) of all the members of the House of Representatives, the person who immediately before the expiry of the said term was occupying the office of Auditor General shall, in any circumstances, remain in office until the resolution is approved by the votes in favour of not less than two-thirds (2/3) of all the members of the House:";

(b) in paragraph (a) of sub-article (9) thereof the words "and until a new Auditor General is appointed," shall be deleted.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 450 of the 25th March, 2026.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

ELEANOR SCERRI
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**